MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 265/2003

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Joseph Busuttil**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Jannar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u ghoxrin Liri Maltin u hmistax –il centezmu (Lm320.15), in kwantu ghal mija u hames Liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm105.36) rapprezentanti konsum ta' l-ilma u kera tal-meter ta' l-ilma u kwantu ghal mitejn u erbatax –il Lira Maltija u disagha u sebghin centezmu (Lm214.79), rapprezentanti konsum ta' l-elettriku u kera tal-meter ta' l-elettriku, fil-fond 2, Triq Anton Buttigieg, Hamrun, ghall-

perjodu bejn il-21 ta' Marzu 1989 u s-17 ta' Jannar 2003, skond il-kont numru 140219270.

Bl-ispejjes legali u gudizzjarji, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Frar 1994 u dik tas-26 t'Awissu 1999, u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Guido Pace Spadaro in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u ghoxrin Liri Maltin u hmistax –il centezmu (Lm320.15), bl-imghax legali pagabbli mit-23 ta' Frar 1994 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-ittri uffijali tat-23 ta' Frar 1994 u 26 ta' Awissu 1999, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------